Avviz Numru CCT 163/13/GB

**George u Jane Muscat**

**vs**

**Josef Muscat ezercenti l-kummerc Elmein Ltd.**

Illum 6 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mija u sebghin Ewro (€170.00)) rapprezentanti l-prezz ta' swicc difettuz ta' lift, liema lift kien inxtara minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Kien xtraw lift minghand is-socjeta' ntimata, liema lift kien jahdem sew f'Jannar 2013, pero' wara biss tliet xhur, il-lift marlu l-iswicc tas-sular ta' taht, u cioe' tal-garaxx. Dan is-swicc qieghed fuq barra tal-lift u bla cover minn wara, bhas-swiccijiet kollha tal-lift. Meta r-rikorrenti lmentaw mas-socjeta' ntimata, hija talbithom mija u sebghin Ewro (€170.00) tas-swicc. Ir-rikorrenti dehrilhom li kien ghadda biss ftit taz-zmien, u li ghalhekk suppost is-swicc kellu jinghata lilhom minghajr hlas.

Sadanittant, it-tifel tar-rikorrenti, li juza l-krozzi biex jimxi, qed isibha difficli hafna biex jidhol fil-lift, ghaliex ma jistax ihaddmu mis-sular -1. Dan hu ta' nkonvenjent kbir ghalih.

Is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom illi l-iswicc mar minhabba l-umdita'. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti jhossu illi tali swicc kellu bzonn 'cover' minn wara, biex jilqa' l-umdita', jekk veru kien hemm umdita'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Preliminarjament, ghal kull bwon fini ghandu jigi ccarat mir-rikorrenti konjugi Muscat jekk qabel ma pprezentawx it-talba taghhom quddiem dan it-Tribunal huma rriferewx it-talba taghhom lid-Direttur Generali. Dan qed jinghad ghaliex minkejja d-disposizzjonijiet tar-Regoli dwar it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi (Regola 3.1), ir-rikorrenti ma pprezentawx nota flimkien mal-Avviz tat-Talba (jew tal-inqas, is-socjeta' ntimata ma gietx notifikata biha) mahruga mid-Direttur ghall-Affarijiet tal-Konsumatur li turi li t-talba ingiebet quddiem id-Direttur u li ma ntlahaq ebda ftehim dwar il-kwistjoni bejn il-partijiet.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost m'huwiex minnu li s-Sur Josef Muscat ghas-socjeta' ntimata qal illi l-iswicc in kwistjoni mar minhabba xi umdita'. Filfatt minn spezzjonijiet li ghamlet is-socjeta' ntimata u kif sejjer jigi muri matul il-kors tal-kaz, irrizulta b'mod car li l-iswicc mar minhabba konkos li waqa fuqu b'kawza ta'xogholijiet li saru minn terzi u ghaldaqstant is-socjeta' ntimata bl-ebda mod m'ghandha tbaghti l-ispejjez tat-tiswijiet necessarji.

Illi dawn il-fatti huma diga' maghrufa mir-rikorrenti.

Ghal kull bwon fini ghandu jinghad ukoll li l-iswicc in kwistjoni huwa maghmul bis-sistema maghrufa bhala clip on u mhuwiex il-kaz illi dan seta' jew kellu jigi mghoddi lill-klijenti b'xi cover fuq wara.

Salv eccezzjonijiet ulterjuti. Bl-ispejjez.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, u ziedu jghidu illi qieghdin jitolbu li l-iswicc jinbidel mis-socjeta' ntimata minghajr hlas.

Ir-rikorrenti ezebew sett ta' dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.GM1.

Ir-rikorrenti ezebew l-iswicc in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Xehed Christopher Muscat, prodott mir-rikorrenti, fejn bil-gurament huwa stqarr illi huwa t-tifel tar-rikorrenti. Il-lift in kwistjoni m'huwiex kif gie ordnat originarjament. Kif sar l-installazzjoni, sar hazin, ghaliex twahhlu s-swiccijiet qabel ma tpogga l-irham. Ir-rikorrenti ma kienux jafu b'dan, u kien ix-xhud li nduna. Huwa jifehm ghaliex kien inginier ma' l-Air Malta qabel ma kellu jieqaf jahdem u ghaldaqstant jifhem kif ghandhom isiru certi affarijiet. Huma kollha dipendenti fuq dan il-lift ghaliex ix-xhud ma jistax jimxi, missieru qieghed fuq id-dialysis u ommu ghandha problem ohra. Kompla jistqarr illi meta s-socjeta' ntimata marret fuq

il-post, kull ma ghamlet kien li qalghat il-bieba u daqshekk u kull meta x-xhud pprova jikkuntatjahom kien jisma' lil xi had fl-isfond jghid "Taqduhx". Stqarr ukoll illi jekk l-intimat qed jghid li hemm l-umdita' missu ordna swiccijiet apposta kontra l-ilma u l-umdita'. Maintenance agreement ma setax isir ghaliex din hija dar privata. Xehed illi minn Marzu ghadhom bla servizz u li l-garanzija ma gietx onorata minhabba li skond l-intimat, il-hsara ghamluha r-rikorrenti bi traskuragni u minhabba l-ilma u l-umdita'.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi s-socjeta' ntimata lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li ha konjizzoni tal-provi, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata tbiddel l-iswicc in kwistjoni u tinstalla swicc gdid a spejjez taghha, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**